# L-Altar tad-Duluri
## L-altar bl-akbar storja

Paul Catania

L-altar iddedikat lid-Duluri fil-Kolleġġjata tan-Naxxar huwa t-tieni wieħed fuq in-naħa tax-xellug, int u dieħel fil-knisja. Meta nbniet il-knisja bejn l-1616 u l-1630 kienu twaqqgħu xi knejjes żgħar li kienu madwar dik parrokkjali, fosthom waħda li kienet iddedikata lil Sant'Agata. Għalhekk, meta nbniet il-knisja kienu ddedikaw altar lil din il-qaddisa. Kien proprju dan l-altar fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja. L-istess familja li kienet tieħu ħsieb il-knisja żgħira ta' Sant'Agata issa bdiet tieħu ħsieb dan l-altar.[1]

Dan l-altar jissemma mill-ewwel fil-viżti pastorali ta' wara l-bini tal-knisja. Fil-viżta pastorali tal-1666 jingħad li l-pittura kienet għadha kemm saret ġdida. Probabbli kienet għadha l-familja Portelli li kienet tieħu ħsieb dan l-altar, li tissemma wkoll fil-viżta pastorali tal-Isqof Balaguer fl-1653. Fis-snin ta' wara jista' jagħti l-każ li din il-familja ma baqgħetx daqshekk akkanita, għalkemm terġa' tissemma fl-1695. Biss erba' snin wara, iġifieri fl-1699, l-Isqof Cocco Palmieri nnota li l-obbligi ma kinux qed isiru mill-werrieta; hawn jissemma biss ċertu Jo Domenico Vella bħala werriet ta' Gabriel Mifsud.[2] Għalhekk l-isqof poġġa lil Dun Dumink Xerri bħala prokuratur tal-altar bid-drittijiet kollha. Mad-drittijiet imorru l-obbligi. Dawn kienu jinkludu għasar kantat u quddiesa kantata nhar il-festa tal-qaddisa, kif ukoll żewġ quddisiet letti u tqassim ta' żewġ *mondelli di noci*.[3]

Milli jidher lanqas Dun Dumink ma kien qiegħed isegwi l-obbligi u l-istess isqof, fl-1708, innota li ma kinux qed isiru. Allura l-isqof ordna li kellu jsir salib bil-korp ta' Kristu u sitt gandlieri tal-injam, kif ukoll karti tal-glorja. Kellha wkoll tiġi rrestawrata l-pittura. Dan kollu mill-flus tal-obbligi.

Kif niġu għall-1738, fuq talba ta' ċertu Duminku Farrugia, dan l-altar bidel id-dedika tiegħu għall-Madonna tad-Dawl. Kienet ukoll saret pittura ġdida b'dan is-suġġett, pittura mill-isbaħ ta' Gian Nikola Buhagiar.[4] Din ħadet post il-pittura antika li kienet turi lil Sant'Agata. 'Il fuq mill-pittura l-kbira saret oħra ovali li kienet turi proprju lil Sant'Agata.[5] Imma din id-dedika ma tantx kellha ddum.

Meta l-Isqof Alpheran de Bussan żar il-parroċċa fl-1751 huwa nnota li kienet twaqqfet is-Sodalità tad-Duluri li kienet marbuta ma' dan l-altar. Għalhekk ordna li titneħħa l-pittura tal-Madonna tad-Dawl u ssir oħra ġdida li turi lill-Madonna tad-Duluri. L-altar, imbagħad, jibda jissejjaħ tad-Duluri u miegħu kellha tkun marbuta s-Sodalità tad-Duluri. Fil-fatt din il-bidla saret fl-1753 meta Francesco Zahra lesta l-pittura tad-Duluri li kienet tinkludi l-figuri ta' San Filippu Benizi u Sant'Agata. Ta' dan ix-xogħol Zahra kien tħallas is-somma ta' 60.6 skudi. Ftit qabel ma lesta dan ix-xogħol, Zahra kien pitter inkwatru żgħir tal-Madonna tad-Dawl, kopja ta' dak kbir, biex jiddendel fl-istess kappella.[6]



*L-altar tad-Duluri.*

Meta fis-sena 1759 l-Isqof Rull żar in-Naxxar, Dun Pawl Mifsud kien prokuratur tal-altar. Fuqu kienu jiġu ċċelebrati l-festi ta' Sant'Agata u tal-Madonna tad-Dawl. Interessanti li wieħed jinnota li l-isqof poġġa wkoll prokuratur tal-pitturi ta' Sant'Agata kif ukoll tal-Madonna tad-Dawl. Dan kien Dun Vinċenz Galea.[7] L-inkwatru l-kbir tal-Madonna tad-Dawl kien qed jinżamm fis-sagristija fin-naħa ta' ġewwa. F'dawn is-snin bħala dħul regolari jidher ħlas ta' ċens fuq sitt għelieqi żgħar magħrufin bħala *Iċ-Ċnus*, ħlas ta' tliet skudi u għaxar tari fis-sena.[8]

Fil-1770 kien inġieb minn Ruma l-ġisem qaddis ta' San Vittorio Martri (imma dan ma kienx ġie



*L-inkwatru ż-żgħir tal-Madonna tad-Dawl, impitter minn Francesco Zahra. (Ritratt meħud minn bambinanaxxar.org)*

mqiegħed mill-ewwel fil-knisja għall-qima tan-nies). Għall-ħabta tal-1773 in-Naxxarin bdew jaħsbu biex jippreparawlu post proprju fil-kappella tad-Duluri. L-altar sar tal-irħam u saret urna mżejna tajjeb minn ġewwa, bil-ħġieġ mal-ġnub, u kanċell tal-ħadid indurat bid-deheb fuq quddiem. Meta mbagħad, fl-1787, saret il-festa kbira meta wasal dan il-ġisem qaddis fil-knisja tan-Naxxar,[9] dan tpoġġa fl-urna li kienet tlestiet għalih.

Il-viżta pastorali tal-Isqof Labini tal-1791, kienet se ġġib magħha bidla oħra fir-rigward ta' dan l-altar. L-isqof ordna li jitneħħa l-inkwatru tad-Duluri u jsir wieħed ġdid ta' San Vittorio Martri billi issa kien hemm il-korp tiegħu fl-altar. Dan, iżda, jidher li qatt ma sar! Imma żgur saret pittura oħra tad-Duluri fl-1799. Il-pittur kien Giuseppi Grima, imlaqqam *Grimotto*. Din il-pittura għadna nistgħu ngawduha.[10] Ftit snin wara, fl-1803, dan l-altar, li issa kien tal-irħam, ġie kkonsagrat.[11]

Ta' min insemmu l-fatt li kien proprju għal dan l-altar li Dun Ġorġ Fiteni kien talab lil Mikiel Anton Vassalli biex iġiblu privileġġi speċjali mill-Vatikan. Dan kien sar fl-1793.

Is-seklu dsatax ma ġabx tibdil miegħu. Kellhom jgħaddu aktar minn mitt sena biex sar żvilupp ieħor. Fil-1913 il-familja Debono ħallset għall-pittura ġdida tad-Duluri li saret minn idejn il-pittur Giuseppe Calì.[12] Din ħadet post il-pittura ta' Zahra. Iżda ftit snin wara l-Gwerra, l-inkwatru reġa' nbidel ma' dak impitter minn Zahra kif għadu sal-lum. Kien fis-seklu għoxrin ukoll li l-korp ta' San Vittorio tneħħa minn taħt l-altar tad-Duluri u tpoġġa taħt l-altar tal-kor.

**Riferenzi u noti**

1 Id-devozzjoni lejn din il-qaddisa tidher li kienet qawwija fin-Naxxar. Ta' min jgħid li meta sar it-tabernaklu l-ġdid fis-snin erbgħin tas-seklu sbatax, fl-ewwel deskrizzjoni tiegħu mill-Isqof Balaguer huwa jgħid li fil-kantunieri ta' quddiem dan kellu żewġ statwi tal-injam indurati - waħda ta' Santa Katerina u l-oħra ta' Sant'Agata.

2 Sfortunatament ma sibtx x'kienet ir-relazzjoni ta' dawn mal-familja Portelli. Gabriel Mifsud kien miet fl-1696 fl-għomor ta' sittin sena.

3 Dan fil-fatt jidher f'kuntratt għand in-nutar Thomas Agius (1671), kif ukoll wara, fis-sena 1677, għand in-nutar Mattew Cauchi. Alessandro Portelli kien irċieva s-somma ta' għoxrin *onza* għal dawn l-obbligi. Dan jidher fil-ktieb tal-kontijiet mibdi fis-sena 1766.

4 Din il-pittura llum tinsab fil-Mużew Parrokkjali.

5 Din is-silta ħadtha mill-ktieb tiegħi *Naxxar – Stejjer, Ġrajjiet u Laqmijiet*, p. 156.

6 Din il-pittura llum tinsab fil-Mużew Parrokkjali.

7 Dun Vinċenz Galea kien ukoll l-organista tal-knisja.

8 Il-kotba tal-kontijiet tal-altar ta' Sant'Agata jibqgħu għaddejjin sal-1976.

9 Ara P. Catania, *In-Naxxar – Titwiliet fl-Istorja*, pp. 68-76.

10 Din il-pittura llum tinsab fil-Mużew Parrokkjali.

11 Dan sar fit-18 ta' Diċembru tal-1803.

12 Din il-pittura llum tinsab fis-sagristija tal-knisja.



*Pittura oħra tad-Duluri li kienet saret fl-1799.*